KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

IL-ĦMISTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 00214

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 12 tal-15 ta' Lulju 2026 mill-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela.

______________________________
Eleanor Scerri
Skrivan tal-Kamra

**TWEĠIBIET TA' MISTOQSIJIET PARLAMENTARI LILL-MINISTERI KKONĊERNATI**

**6. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA tistaqsi lill-Ispeaker:** Jista' l-Ispeaker jieħu l-passi neċessarji biex meta Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari bil-frażi "Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat", l-istess Ministru jindika lil liema Ministeru trid issir il-mistoqsija, u dan peress li spiss jiġri li Membru Parlamentari jispiċċa jdur minn Ministeru għal ieħor biex forsi jingħata l-informazzjoni mitluba?

10.07.2026

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, kif intqal minn Speakers differenti, ir-responsabilità tas-Sedja dwar mistoqsijiet parlamentari hija limitata għall-għemil ta' dawn l-interpellanzi u mhux dwar il-kontenut tat-tweġibiet.

Is-Sedja stqarret diversi drabi f'rulings illi tagħraf ir-rwol li għandhom dawn il-mistoqsijiet f'dik li hija kontabilità tal-Eżekuttiv lejn il-Parlament u lejn il-poplu. Hu għalhekk li s-Sedja dejjem tappella sabiex Ministri jagħtu l-informazzjoni li tkun mitluba minnhom, u dan fi żmien raġonevoli.

Is-Sedja tirrikonoxxi illi jkun hemm mistoqsijiet li r-responsabilità ministerjali tagħhom ma tkunx ċara, u allura l-Onor. Membri jistgħu jkunu indirizzawhom lill-Ministru l-ħażin. F'każijiet fejn l-uffiċjali tal-Parlament li jagħmlu l-vetting tal-mistoqsijiet parlamentari jindunaw li mistoqsija ġiet indirizzata ħażin, dawn jikkomunikaw mal-Membru li jkun issottomettieha sabiex f'dak l-istadju tkun indirizzata lill-Ministru li jkollu r-responsabilità.

L-appell tas-Sedja hu biex kemm jista' jkun f'każi bħal dawn il-Ministri jkunu prattiċi u meta t-tweġiba tkun "Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat" b'żieda ma' dan ikun hemm liema Ministru hu.  Dan għandu jsir anke b'sens ta' rispett lejn il-Membri li jkunu qed jaqdu d-doveri Parlamentari tagħhom.

15.07.2026